**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum, il-Gimgha, 28 ta' Lulju 2017.**

**Appell Nru: 168/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Jonathan Pace**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jonathan Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 512186M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar is-7 ta' Frar, 2016, għall-ħabta ta' 2.45am, fi Triq ta' Taħt Putirjal, Victoria, Għawdex jew fil-viċinanzi:

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura tal-għamla Peugeot b'numru tar-reġistrazzjoni LCB 668 fi Triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

2. U aktar talli saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura tal-għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni LCB668 fi triq jew f'post pubbliku ieħor meta kien kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien aktar mill-limitu preskritt;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenjza tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-17 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa komplessiva ta' elfejn ewro (€2000), kif ukoll, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jottjeni xi liċenzji tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Jonathan Pace ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-30 ta' April, 2016, fejn talab lil din l-Qorti, tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena abbinati mal-istess jew alternattivament, tvarjha in kwantu tikkonċerna l-piena billi tagħti piena aktar xierqa u adegwata fiċ-ċirkostanzi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lill-Ispettur Bernard Charles Spiteri u lill-imputat minn jeddu, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fis-7 ta' Frar 2016 għall-ħabta tas-2.15 am kienu qiegħdin isiru preparamenti minn diversi uffiċjali tal-pulizija għal *road block* fi Triq Taħt Putirjal, Rabat, Għawdex. F'ħin minnhom ġiet osservata vettura

Peugeot LCB 668 dieħla minn Pjazza San Franġisk għal ġo Triq Taħt Putirjal li hija triq *senso unico* li fiha ma jistgħux jidħlu vetturi minn Pjazza San Franġisk. PS 581 Loreto Buttiġieġ waqqaf il-vettura u qal lis-sewwieq, li rriżulta kien l-imputat, biex idawwar il-vettura għaliex kien ġej kontra l-*one way* u ta struzzjonijiet lil PC 754 biex jagħtih ticket. Peress li s-surġent xamm rieħa ta' xorb fuq is-sewwieq avżaħ li ser jissottomettih għall-*breathalyser* test u tah it-twissija. It-test sarlu diversi drabi għaliex allegatament l-imputat ma kienx qiegħed jonfoħ kif suppost. Aktar tard ġie fuq il-post l-Ispettur Bernard Spiteri u saru lill-imputat tlett testitijiet oħra tal-breathalyser li minnhom l-aħħar wieħed ġie kompletat u ta riżultat ta' 0070.6 ug/100ml. Ir-riżultat stampat ġie esibit bħala Dok. B b'fotokopja Dok B1[1] u dawn ġew konfermati mill-Ispettur Spiteri bħala r-riżultat tal-breathalyser[2]. Sadattant, mill-ħin li ġie mwaqqaf l-imputat sakemm għamel l-aħħar test kienet għaddiet nofs siegħa. Is-surġent avża lill-imputat li ma setax isuq. Passiġġier miegħu l-imputat kellu lil ċertu Daniel Mangion,

**6.** Fil-qosor l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti.

**7.** <u>Fl-ewwel lok</u> l-appellant jissottometti li skont ir-Regolamenti dwar it-Testijiet tan-Nifs[3] it-test għandu jsir permezz tal-istrument muri fl-ewwel Skeda u ċioe' *Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser, Model Jupiter* iżda l-Prosekuzzjoni ma kienetx f'pożizzjoni tikkonferma li t-test kien sar b'dan l-apparat kif previst mil-liġi.

**8.** <u>Fit-tieni lok</u> jissottometti li l-piż tal-prova huwa fuq il-prosekuzzjoni li iżda ma skarikatx dan il-piż tant li għalkemm is-surġent xehed li kien issomministra diversi testijiet tan-nifs fil-Qorti ġie preżentat biss wieħed,

---

[1] Fol 6

[2] Fol 46

[3] Regolament 3 L.S. 65.16

dak li ġie terminat b'suċċess u ta riżultat pożittiv. B'hekk il-puliżija naqset mid-dmir tagħha li tigbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat.

**9.** Dawk li l-appellant isejjaħ it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravju huma effettivament aggravju komplessiv wieħed konsistenti filli l-appellant isostni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-provi żbaljat li wassal għal verdett li huwa *unsafe and unsatisfactory*. Dan għaliex injorat kompletament il-fatt illi l-Ispettur Bernard Spiteri wera li ma kienx jaf x'inhuma il-proċeduri dettati mill-produċent fl-istruzzjonijiet tal-*breathalyser* u kkonferma li tali proċeduri ma kienux ġew segwiti bħal fost affarijiet oħra li ma nbidilx il-bokkin jew *mouthpiece* ma kull test li sar lill-appellant meta dan imur kontra dak stipulat fl-*Instruction Manual* tal-istrument. Iżid li l-Ispettur Bernard Spiteri ma kienx hu li kkalibra l-istrument li ntuża u ma kienx kapaċi jgħid meta kien l-aħħar li ġie kkalibrat l-istrument u in vista ta' dan ir-riżultati ottjenuti mill-Pulizija qatt ma setgħu jirriflettu stampa fattwali u preċiża tal-livell ta' alkoħol fin-nifs tal-appellant u dana in linja mar-rekwiżit ta' l-artiklu 15E(1)(a) tal-Kapitlu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li r-rizultati tal-analizi għandhom jigu prezunti bhala korretti sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

**10.** Inoltre l-appellant isostni li x-xhieda tal-Ispettur Bernard Spiteri ma kienitx konsistenti ma dak li qal fl-affidavit tiegħu PS581 Loreto Buttigieg peress li dan ta' l-aħħar qal li l-imputat appellant '*ma kienx qed jagħmlu kif suppost peress li ma kienx qed jonfoħ kemm suppost*' mentri l-Ispettur Bernard Spiteri xehed li l-appellant kien "*qed jonfoħ iżżejjed"*.

**11.** Isostni li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi fuq l-assjem tal-provi inkluż ir-riżultati tat-testijiet li ġew amministrati qabel l-aħħar riżultat tan-nifs li ġie preżentat mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll il-komportament u l-imġieba tal-appellant fil-ħin li twaqqaf mill-uffiċjali tal-Pulizija u fil-ħin li kien fil-preżenza tagħhom mentri fl-ebda parti ta' l-*affidavits* taż-żewġ

uffiċjali tal-Pulizija ma hemm xi aċċenn għal komportament li jista' jindika li l-appellant kellu l-kapaċita' tiegħu li jsuq għal xi ħin imnaqqsa u għaldaqstant dan jitfa' dubji serji dwar jekk il-kapaċita' ta' l-appellant kienetx imnaqqsa minħabba xorb.

**12.** Finalment l-appellant isostni li f'każ ta' ħtija għandu jkun hemm temperament fil-piena, speċjalment tenut tal-fatt li din kienet l-ewwel, għandu fedina penali netta u x-xogħol tiegħu jirrikjedi li jkun jista' jsuq vettura u għaldaqstant is-sospensjoni ta' liċenzja għal sitt (6) xhur ser tkun qed tikkawżalu preġudizzju serju.

**Ikkunsidrat**

**13.** Fl-ewwel lok l-appellant isostni li l-Prosekuzzjoni ma kienetx f'pożizzjoni tikkonferma li t-test kien sar b'dan l-apparat kif previst mil-liġi. Fl-affidavi tiegħu is-Surġent 581 Loreto Buttigieg, iżda, jgħid li kien hu li għamel il-*breathalyser test* lill-imputat li kien isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCB668 għandu l-karta tal-identita' numru 512186M u dan eventwalment tah ir-riżultat 070.6 ug/100ml u li dan it-test sar fit-2.45 am fis-7 ta' Frar 2016. Minnufih wara l-affidavit tiegħu jinsab esibit id-Dok B konsistenti fi printout ta' riżultat ta' breathalyser test megħmuż bi staple fuq dokument B1 li jikkonsisti f'fotokopja tal-istess dokument. Kemm fuq il-print out oriġinali Dok B kif ukoll fuq id-dokument B1 hemm il-firma tas-Surġent 581 Buttigieg u fuq Dok B1 il-firma tidher taħt il-kliem "Vera kopja tal-oriġinali". Fuq l-affidavit ta' PS 581 hemm in-numru ta' riferenza 10/Z/418/2016 li jaqbel man-numru ta' riferenza li jidher fuq in-naħa ta' fuq tad-Dokument B1 bħala 10/Z/418/16. Mill-istess dokumenti jirriżulta li t-test li jidher fihom sar fis-7 ta' Frar 2016, fis-2.45.01, fuq is-sewwieq Jonathan Pace, li għandu l-karta tal-identita' 512186M, ta' vettura numru LCB 668, minn PS 581 Loreto Buttigieg. Id-dettalji jikkorispondu kollha u din il-Qorti hi sodisfatta

li d-dokument in kwistjoni huwa r-riżultat tal-breathalyser test li sar fuq l-imputat fid-data u ħin in kwistjoni. Mill-istess dokkument jirriżulta li l-oriġinal ġie stampat minn apparat "Alcovisor-Jupiter". Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta mingħajr dubbju dettat mir-raġuni li t-test in kwistjoni sar bl-apparat indikat fl-ewwel skeda tar-regolamenti. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint.

**14.** Għar-rigward tat-tieni aggravju, u ċioe' li l-prosekuzzjoni esibit biss ir-riżultat tal-aħħar test tan-nifs u ma esibitx it-testijiet preċedenti u b'hekk naqset mid-dover tagħha li tipproduċi kemm il-provi kontra kif ukoll dawk favur l-imputat, jiġi rilevat li skont l-artikolu 15I(3) tal-Kap 65 persuna "titqies li tat kampjun ta' ... nifs jekk dak il-kampjun jingħata b'dak il-mod u f'dik il-kwantita' u ta' dik il-kwalita' li tkun tista' tiġi analizzata kif imiss għall-finijiet tal-artikolu 15E jew għall-finijiet tar-regolamenti...". Irriżulta mill-provi li l-kampjuni tan-nifs preċedenti l-aħħar wieħed li tiegħu ġie esibit ir-riżultat kienu kollha ingħataw mhux bil-mod, kwantita' u kwalita' li setgħu jiġu analizzati kif imiss skont il-liġi u b'hekk għall-finijiet tal-liġi ma kienux kampjuni tan-nifs u ma kienux evidenza ta' kampjuni tan-nifs. Barra minn hekk mill-provi rriżulta li t-testijiet preċedenti ma kienux qiegħdin jimmarkaw u ċioe' ma kienux qiegħdin jagħtu riżultat jew aħjar kienu qiegħdin jagħtu riżultat ta' "insuffiċjenti"[4]. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi respint.

**15.** Kif ingħad, it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji jirrisolvu ruħhom f'aggravju wieħed ta' aprezzament żbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti. Dwar din ix-xorta ta' aggravju l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hija waħda twila, kostanti u ormai paċifika fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment

[4] Fol 4, affidavit PS 581 Jonathan Buttigieg; xhieda Spettur Bernard Charles Spiteri fol 40; fol 46-47

tasal għall-konkluzjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**16.** L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti injorat kompletament il-fatt illi l-Ispettur Bernard Spiteri wera li ma kienx jaf x'inhuma il-proċeduri dettati mill-istruzzjonijiet tal-produttur tal-prodott u kif stipulati fl-Instruction Manual tal-istrument. X'kienu dawn l-istruzzjonijiet u xi jgħid l-allegat *Instruction Manual*, iżda, ma jirriżultax mill-provi u għalhekk anqas kien jirriżulta li l-Ispettur ma osservax dawk l-istruzzjonijiet.

**17.** Ilment ieħor tal-appellant fil-kuntest ta' dan l-aggravju huwa li l-istrument ma ġiex kalibrat mill-Ispettur Bernard Spiteri. Fil-fatt dan ma jirriżultax bħala fatt mill-provi għaliex l-Ispettur ma ġie mistoqsi xejn dwar din il-materja. Dak li jirriżulta hu li fuq ir-riżultat stampat esibit tat-test tan-nifs hemm stampat il-kliem "*Last calibration Date: 11 Nov 2015*". Fi kwalunkwe każ ma jirriżulta ebda materjal ieħor ta' prova dwar din il-kwistjoni u ma saru ebda provi dwar is-sinjifikat o meno ta' dan l-element. Ċertament b'ebda mod ma jista' jiġi ritenut li ġie pruvat il-kuntrarju ta' dak preżunt fl-artikolu 15E (1)(a) tal-Kapitlu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

**18.** L-appellant iżid josserva li x-xhieda tal-Ispettur Bernard Spiteri ma kienitx konsistenti ma dak li qal fl-affidavit tiegħu PS581 Loreto Buttigieg peress li dan ta' l-aħħar qal li l-imputat appellant it-test ma '*ma kienx qed jagħmlu kif suppost peress li ma kienx qed jonfoħ kemm suppost*' mentri l-Ispettur Bernard Spiteri xehed li l-appellant kien "*qed jonfoħ iżżejjed*". Ix-xhieda tal-Ispettur Spiteri fl-ewwel istanza ma hix traskritta u għalhekk ma jirriżultax preċiżament dak li xehed iżda anki kieku xehed kif allegat din il-Qorti ma tara ebda inkonsistenza f'dan ir-rigward bejn l-affidavit ta' PS 581 u x-xhieda tal-Ispettur Spiteri. Persuna li tonfoħ iżżejjed hi ukoll persuna li ma kienetx qed tonfoħ kemm suppost. Fix-xhieda tiegħu fil-Qorti l-Ispettur Spiteri xehed li l-imputat kien qiegħed

jonfoħ ħafna, kien qiegħed jonfoħ iżżejjed[5], li wkoll hu konsistenti ma dak rapportat li xehed l-Ispettur fl-ewwel istanza kif ukoll, kif ingħad, ma' dak li jingħad fl-affidavit ta' PS 581. In kwantu għall-imputat dan fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-ewwel xehed li hu ġie mitlub biex jonfoħ aktar (fol 50) iżda aktar tard fil-kontro eżami xehed li qalulu "isma', pprova tonfoħx daqshekk" (fol 61). Il-fatt jibqa' li ma kien hemm ebda inkonsistenza, kif allegat, bejn dak li xehed l-Ispettur Spiteri u dak li ingħad fl-affidavit tas-surgent 581.

**19.** Finalment l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi fuq l-assjem tal-provi inkluż ir-riżultati ta' t-testijiet kollha u l-komportament tal-appellant meta twaqqaf mill-Pulizija u ma kien hemm xejn fil-komportament tiegħu jista' jindika li l-appellant kellu l-kapaċita' tiegħu li jsuq menomata għal xi ħin minħabba xorb. Din hi kwistjoni unikament ta' apprezzament tal-provi. Iċ-ċirkostanzi li rrizultaw hu li l-imputat ġie osservat isuq kontra l-*one way*, meta twaqqaf qal lill-pulizija li kien sejjer ix-Xlendi mentri x-Xlendi kienet fid-direzzjoni opposta, l-imputat ġie nnutat li kellu riħa qawwija ta' xorb, it-test ħadu diversi drabi qabel wasal l-Ispettur Spiteri fuq il-post iżda kull darba l-kampjun li ta' ma kienx tajjeb biex jiġi testjat, meta wasal l-Ispettur saru tlett testijiet oħra sakemm fl-aħħar fir-raba test l-appelant ta kampjun ta' nifs li kien tajjeb biex jiġi testjat[6], ir-riżultat tat-test kien ta' 070.6m ug/100ml u ċioe ftit aktar mid-doppju tal-limitu massimu permess mil-liġi, id-difiża ssuġġeriet li n-numru totali tat-testijiet kien ta' tlettax-il wieħed[7] u dan in-numru ġie konfermat mill-imputat fix-xhieda tiegħu[8]. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma kienetx irraġionevoli l-ewwel Qorti meta waslet għall-konklużjoni li l-imputat fid-data tal-inċident x'ħin twaqqaf mill-pulizija ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex biżżejjed sabiex tiddisturba dik il-konklużjoni.

---

[5] Fol 38-39
[6] Fol 42
[7] Fol 39
[8] Fol 53

**20.** Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-imputat jipprova jagħti x'jifhem li r-riħa li kellu fuqu ta' xorb kienet ġejja għaliex minn xi żewġ drinks li pprova jixrob waħda ġiet mtajjra minn nies u dan addirittura għaliex, skont kif xehed l-imputat, "Kif wasalna hemm kulħadd itajjar id-drinks"[9]: stampa xejn verosimili anki meħud kont ta' kemm jiswa x-xorb alkoħoliku llum il-ġurnata. Il-Qorti tgħid mill-ewwel li ma tagħti ebda affidament lill-imputat dwar din iċ-ċirkostanza u dan anki wara li setgħet tqis il-komportament tal-imputat f'din il-parti tax-xhieda tiegħu fejn f'mument wieħed fuq din iċ-ċirkostanza wera ruħu piuttost titubanti u nieqes minn dettalji[10] u f'mument ieħor in kontro-eżami kien piuttost grafiku u dettaljat. Iżda imbgħad fuq diversi domandi fil-kontroezami l-imputat wera ruħu evażiv u terġiversiv. Inoltre, waqt ix-xhieda tiegħu l-imputat insista li huwa qatt ma ingħata mill-pulizija r-rizultat tat-test iżda f'mument minnhom xehed li "wara li rċevejt il-karta l-ewwel ħaġa li għamilt mort fuq l-internet biex nikkumpara x'inhu l-limit ta' Malta mal-microgrammes jew whatever x'inhuma ma' li beda jimmarka tiegħi".[11]

**21.** L-appellant talab ukoll, fi kwalunkwe każ, temperament fil-piena. Għal darb'oħra jiġi ribadit li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti. F'dan il-każ ma jezistux ragunijiet tali. Il-Qorti tqis ferm serji r-reati li tagħhom nstab ħati l-appellant peress li dawn iqiegħdu fil-periklu s-saħħa u addirittura l-ħajja ta' persuni innoċenti li jkunu qiegħdin għall-affari tagħhom jużaw it-triq, kemm bħala

[9] Fol 52
[10] Fol 55
[11] Fol 62

pedoni kif ukoll bħala sewwieqa. Għalhekk din il-Qorti ma ssibx raġunijiet sabiex tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**22.** Għall-motivi premessi tiċħad l-appell ta' Jonathan Pace, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-istess sentenza għandu jibda jgħodd minn nofsillejl u minuta ta' għada.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur